DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/1790

tal-14 ta' Settembru 2023

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mozambique (EUTM Mozambique), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1482 (EUTM Mozambique/2/2023)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1143 tat-12 ta' Lulju 2021 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mozambique (EUTM Mozambique) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/1143, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) jieħu d-deċiżjonijiet dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' EUTM Mozambique, inkluż id-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra ta' Kmandanti tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għal EUTM Mozambique.

(2) Il-KPS bid-Deċiżjoni (PESK) 2022/1482 ([2]) ħatar lill-Komodor Rogério Paulo FIGUEIRA MARTINS de BRITO bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-UE fil-Mozambique (EUTM Mozambique).

(3) Fl-14 ta' Lulju 2023, l-awtoritajiet Portugiżi pproponew lill-Brigadier Ġeneral João CARLOS de BASTOS JORGE GONÇALVES biex jieħu post il-Komodor Rogério Paulo FIGUEIRA MARTINS de BRITO bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Mozambique mill-15 ta' Settembru 2023.

(4) Fis-27 ta' Lulju 2023, il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE appoġġa din il-proposta.

(5) Fil-31 ta' Lulju 2023, il-Kumitat Militari tal-UE rrakkomanda li l-Brigadier Ġeneral João CARLOS de BASTOS JORGE GONÇALVES jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Mozambique mill-15 ta' Settembru 2023.

(6) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral João CARLOS de BASTOS JORGE GONÇALVES bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Mozambique mill-15 ta' Settembru 2023 u jenħtieġ li titħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1482,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Brigadier Ġeneral João CARLOS de BASTOS JORGE GONÇALVES huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mozambique (EUTM Mozambique) mill-15 ta' Settembru 2023.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1482 hija b'dan imħassra.

([1]) ĠU L 247, 13.7.2021, p. 93.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/1482 tal-25 ta' Awwissu 2022 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mozambique (EUTM Mozambique) (EUTM Mozambique/1/2022) (ĠU L 233, 8.9.2022, p. 50).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Settembru 2023.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Settembru 2023.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
D. PRONK